**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7/2022

20 ta' Lulju 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fil-11:00 ta' filghodu.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**7.1** **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

**7.1.** Ma kellniex.

**7.2** **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>**

**7.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 6 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**7.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Speranza Chircop u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana il-minuti ġew approvati unanimament

**<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>**

7.3

1. **Punt 6.3.2 Tender Knis** – Is-Segretarju Eżekkutiv hekk kif talab il-kunsill fis-seduta preċedenti ġabet kwotazzjonijiet biex wieħed jara jistax jopera aħjar b'kundizzjonijiet ġodda bla ma jkun hemm deterrent fuq l-indafa fit-toroq tal-lokal. Waqt diskussjoni kostruttiva is-Seg Eżek għamlet xi punti varji biex il-kunsill iżomm f'moħħu qabel ma jieħu deċiżjoni konkreta joħroġx is-sejħa jew le biex umbgħad ma jkunx hemm problemi wara la tibda tinħadem l-iskeda ta' knis perse. Hija semmiet sitwazzjonijiet varji illi l-ħaddiema tal-iskema li huma mislufin mall-kunsill m'humiex 'hundred percent' reliable fejn jidħol xogħol minħabba xi 'sick' u xi 'exclusions' li huma għandhom mill-kumpanija li tingaġġahom. Is-Sindku żied jgħid illi apparti l-punti varji li semmiet is-Seg Eżek qal illi anke għodda kif suppost f'dan l-istadju m'għadniex bħal karetti u muturi biex jinqata l-ħaxix. Il-kunsill fuq suġġeriment tas-Sindku ddeċieda illi bi prova għal dawn ix-xhur li ġejjin ser jinxtraw għodda li għandu bżonn fiżikament kennies bħal karetti xkupi eċċetra biex il-ħaddiem tal-istess kunsill ikollhom skeda ta' knis biex wieħed jara kif imur mingħajr ma joħroġ sejħa uffiċjali għal kuntrattur bħal ma għandu l-kunsill bħalissa speċjalment minħabba l-pożizzjoni finanzjarja tal-kunsill. Il-kunsill żied u ddeċieda illi minn meta jispiċċa t-tender fil-preżent is-Seg Eżek għandha ġġib kwotazzjonijiet formali issa biex darbtejn fil-ġimgħa ikun hawn kennies ta' kuntrattur. Biex b'hekk ix-xogħol jinqasam bejn kuntattur u l-ħaddiema tal-kunsill. Din il-prova ser isservi biex il-kunsill jara kif qed tiżvolġi s-sitwazzjoni tal-indafa fil-lokal. Din hija d-deċiżjoni finali tal-kunsill fil-preżent pero' mhux qed jiġi eskluż li l-quddiem tinħareg sejħa formali ta' knis.

2. **Punt 6.4.G Attivita' Festa 3 ta'Lulju 2022** – Is-Sindku qal illi din l-attivita' saret b'kollaborazzjoni mal-paroċċa. Qal li kien sodisfatt bl-għandament ta' kif marret din l-attivita' ħelwa.

3. **Punt 6.5.1 Ġbir ta' Skart Riċikklabbli**- Is-Seg Eżek għarrfet il-kunsill li ħarġet żewg sejħiet bħas-soltu u kif inhu suppost bil-liġi fejn kuntrattur ewlieni minnhom informa lill-kunsill li mhux interessat u kuntrattur ieħor formali li huwa l-GreenPak li huwa l-istess kuntrattur illi fil-preżent jiġbor l-iskart riċiklabbli fil-Kalkara illi huwa interresat ikompli b'dan il-kuntratt sakemm jinħareġ u jingħata l-ġbir tal-istess skart lill-kuntrattur li ser jirbaħ it-tender tal-ġbir tal-iskart reġjonali li s-sejħa għal dan il-ġbir inħarġet mir-reġjuni b'kollaborazzjoni mal-Gvern Ċentrali u għadha fil-proċess biex finalment tingħalaq.

4. **Punt 6.8.1 Triq il-Barklor** – Is-Sindku reġa' spjega l-iżvolġiment ta' din il-kwistjoni. Lill-kunsill preżentalhom pjanta hekk kif ġiet approvata minn TM fejn kulħadd qabel li hemm bżonn xi tibdiliet żgħar biex tirrifletti dak kollhu li l-kunsill ried li jsir f'dawn l-inħawi. Dawn id-differenzi ser ikunu qed jintbgħatu lill-TM biex finalment tintbgħat pjanta kif suppost approvata minn naħa tagħhom biex il-kunsill jimplementa dak li hemm bżonn fuq gwida tal-istess awtorita'. Is-Sindku żied jgħid illi bħal kull ħaġa oħra kull biddla ħa ġġib it-tgergir, ilmenti u mitt ħaġa oħra pero' kulħadd irid jifhem illi kull bidla ssir għal bżonn u għal ġid tal-lokal bħas-soltu. Is-Sindku saqsa l-kunsill jekk b'din id-deċiżjoni huwiex ser jinqala' iktar 'chaos' milli kif inhi s-sitwazzjoni fil-preżent fiż-żona ta' Triq il-Barklor. Is-Sindku saħaq illi wieħed irid janalizza x'ser niggwadanjaw minnhom il-għaliex hu ma jiddejaqx jieħu d-deċiżjoni u jaqla' paniku tal-mument pero' la darba l-kunsill ikun fiċ-ċert li qiegħed jagħmel xi ħaġa għal ġid tan-nies u mhux nikkumplikaw is-sitwazzjoni taż-żona. Wara diskussjoni kostruttiva dwar din il-kwistjoni, id-deċiżjoni tal-kunsill kienet illi ssejjaħ laqgħa mar-residenti biex b'hekk jiġu diskussi l-punti kollha qabel ma wieħed ibiddel l-affarijiet fiż-żona. Il-kunsill ser jibgħat ittra formali lir-residenti b'data għal laqgħa biex min hu nteressat jattendi biex niddiskutu flimkien t-triq it-tajba l-quddiem ghal maġġoranza.

6.4.d Is-Sinjura Chircop qalet illi fuq dan il-punt hija xtaqet tistaqsi terġa' jekk minflok fjuri wieħed jistax jagħmel ever green biex ikunu inqas delikati biex tiffranka l-ammont ta' tisqija

## 7.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

**7.4. A Xogħolijiet fl-Uffiċju Amministrattiv :** Is-Sindku għarraf il-kunsill illi fil- preżent għaddej xogħol ta' manutenzjoni fl-uffiċini amministrattivi tal- kunsill li jinkludi AC. Huwa qal illi filwaqt li l-kunsill ma kellux budget għal dawn ix-xogħolijiet pero' l-ambjent tal-impjegati huwa important ferm iktar f'dan il-mument milli ssir xi

kurduna fit-triq il-għaliex is-sitwazzjoni tal-uffiċini m'hijiex sitwazzjoni ħelwa biex wieħed ikun onest.

**B Rinella Festival 6 ta' Awwissu** : Is-Sindku għarraf il-kunsill illi f'din id-data ser tkun qed itella' attivita' li l-kunsill m'hu qed ikun joħroġ l-ebda finanzi għaliha l-għaliex is-Sindku kien qiegħed jaħdem biex jikkolabora ma' entitajiet oħra kif ukoll jinsabu fundaturi għal dan l-istess festival. Dan ser ikun jinkludi artisti, daqq, palk eċċetra. Il-fondazzjoni Kottonera wkoll kellha parti minnhu l-għaliex ser ikun qed jagħti fondi konsiderevoli għal dan il-festival biex ikun jista' jsir. Is-Sindku qal illi din ħa tkun l-ewwel sena li ħa jsir u jispera illi bħal attivitajiet oħra li diġa' saru bħal pereżempju Festa Ħelu, Festa Ċitru, Trejqet il-Milied u aktar wieħed jaspira li jsir kull sena biex b'hekk kull perjodu fis-sena l-kunsill ikun qed jorganizza attivitajiet ħelwin għal benefiċċju tar-residenti. Is-Sinjura Chircop saħqet illi kif diġa' qalet għal attivitajiet oħra tajjeb li wieħed jinkludi talenti / artisti mill-lokal.

**C Festa 2022 :** Is-Sindku qal illi kienu jiem impenjattivi mmens u ħa pjaċir illi ra xi kunsilliera jipparteċipaw f'attivitajiet varji li din hija xi ħaġa sabiħa ħafna. Is-Sindku qal illi jifhem li kien hawn tgergir fuq l-għeluq ta' toroq u ħaġa u oħra pero' wieħed irid ikun fiha l-biċċa tax-xogħol għax f'xi mumenti kien hemm bżonn jieħdu deċiżjonijiet tal-ħin u l-mument. Is-Sindku qal illi ttieħdu ħafna noti biex is-sena d-dieħla affarijiet li jistgħu jittranġaw jittranġaw bi ħsieb u mhux b'deċiżjoni bla ma wieħed ikun preparat. Is-Sur Chris Bruno kkumplimenta lis-Sindku formalment fuq il-biċċa tax-xogħol illi l-każini ngħaqdu . Is-Sindku qal illi wieħed m'għandux jaħseb li l-affarijiet bejn il-każin hija waħda 'ward u ż-zar' pero' mhux ser jaqta' qalbu biex sa fl-aħħar il-pika distruttiva ma tibqax tippersisti u tirbaħ fuq ir-raġuni għal futur li ġej. Is-Sindku qal ukoll illi dik ma kinitx xi ħaġa tal-mument imma kien ilu jaħdem fuqha biex rajna riżultat sabieħ spontanju waqt il-festa.
Il-festa m'hijiex tal-kunsill pero' l-kunsill huwa responsabbli u sens ċiviku qawwi li tinżamm il-paċi fil-lokal.

**D.Parking Esplora** – Is-Sindku qal illi bi pjaċir jinforma l-kunsill illi fl-aħħar il-kunsill wasal bi ftehim bil-fomm mal-Esplora biex jinfetaħ il-parkeġġ li għandhom għad- dispożizzjoni ta' kull min ikun qiegħed jattendi għal tiġijiet u attivitajiet li jkollhom fil-premises tagħhom. Is-Sindku qal illi billi ser jinfetaħ il-parkeġġ ma jfissirx li ħa nsolvu l-problema ta' parkeġġ fiż-żona li ilha snin għaddejja kwistjoni kemm mar- resident u kemm ma Sur Jeffrey Pullicino Orlando. Il-ftehim bil-fomm kien illi minn dan il- weekend ser ikun qed jinfetaħ il-parkeġġ b'security abbinat ma' dħul ġol parkeġġ stess għal mistiednin. Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jitfa' post ukoll fuq fb biex jgħarraf ir-residenti dwar dan. Kulħadd jaf li din kienet kwistjoni illi ilha għadejja snin twal sa ma intlaħaq dan il-ftehim. Is-Sindku qal illi għadhom qed jinħadmu l-loġistiċi tal-ħaġa u wieħed irid jifhem illi għall-inqas wara dawn is-snin kollha mxejna pass il-quddiem immens.

## 7.5 Korrespondenza :

### 1. Tnaqqis ta' Siegħat mill-kuntratt tal-Contracts Manager;

Is-Seg Eżek flimkien mas-Sindku infurmat il-kunsill illi l-kuntratt tal-'contracts manager' tnaqsulu s-siegħat minn 20 għal 10 siegħat fil-ġimgħa la darba x-xogħol li hemm bżonn jibqa' jsir kif suppost illi b'eżerċizzju wkoll li sar u bi qbil mas-Sur Loffreda li hu l-contracts manager fil-preżent qabel ukoll dwar din id-deċiżjoni u kkonferma illi 10 siegħat huma siegħat tajba ħafna biex jibqa' jsir ix-xogħol kif suppost.

### 2. Akkumulazzjoni ta' Leave tas-Seg Eżek mis-sena 2022 għat 2023:

Is-Sur Sindku talab il-kunsill japprova 96 siegħa vacation leave tas-Seg Eżek biex jiġu trasferiti għas-sena 2023 mis-sena 2022 dan wara li hija bilkemm tieħu ġurnata leave. Il-kunsill qabel unanimament illi s-siegħat imsemmija hawn fuq għandhom jiġu trasferiti għal benefiċċju tagħha għas-sena 2023.

### 3. Financial Statements u Draft Management Letter –

Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek preżentaw 'draft' tal-'management letter' wara l-awditjar li sar aktar kmieni din is-sena flimkien mal-aħħar 'draft' tal-'financial statements' b'xi tibdiliet li kien hemm bżonn li jsiru fuq gwida tal-istess awdituri. Dawn ġew approvati unanimament waqt din is-seduta biex b'hekk is-Seg Eżek tkun tista' tibgħat kopji hekk kif jirrikjedi li jsir u fi żmien li ġej hija flimkien mal-accountants tal-kunsill ser tkun qed tifformola tweġiba formali għal dak li ġie misjub. Is-Sindku bi pjaċir ħabbar illi wara ħafna laqgħat ma' min hu kkonċernat il-kunsill mhux ħa jibqa' fil-lista ta' disclaimer of opinion wara das-snin kollha kif ukoll ir-rapport li kien dejjem joħroġ fuq 40 paġna fuq il-Kunsill Lokali Kalkara għall-ewwel darba din is-sena qiegħed jiġi maħruġ fuq anqas minn nofs il-paġni msemmija. Huwa rringrazzja formalment ukoll lis-Seg Eżek ta' kemm stinkat biex din is-sena għandna rapport ferm aħjar minn dawk ta' snin preċedenti.

### 4. Charging Pillars-

Is-Sindku nforma l-kunsill b'charging pillars ġodda li ser ikunu qegħedin jitwaħħlu fil-futur qarib bħal ma diġa' twaħħlu f'toroq ikkonfermati u għal daqstant talab illi jekk ikun hemm xi ħadd li għandu xi suġġeriment validu fejn jistgħu jsiru tajjeb li jgħaddilu l-informazzjoni biex l-entita' responsabbli għal dawn ic-charging pillars tkun tista' tiċċekja l-post u tieħu l-kunsiderazzjoni tieghu f'fażijiet li ġejjin

## 7.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;

a) Is-Sur Vincent Bongailas informa l-kunsill illi wara r-rispons pożittiv li kellu fuq l-attivitajiet ta' sports li kien qed jorganizza hu ser ikun qiegħed iżid xi sezzjonijiet barra dak li kien diġa' skedat. Huwa qal ukoll illi fis-27 ta' Awwissu ser ikun qiegħed jorganizza attivita' finali fejn anke ser jitqassmu xi tokens għat-tfal li pparteċipaw bħala ringrazzjament u apprezzament li saru bis-saħħa tal-attendenza tagħhom ukoll.

b) Is-Sinjura Maria Sultana nfurmat il-kunsill illi bħalissa qed taħdem fuq żewġ korsijiet li ser ikunu qed jibdew aktar tard f'Ottubru 2022 għat-tfal rigward tpinġija u crafts.

c) Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat rendikonti ta' żewġ ħarġiet li kellha Sqallija u Għawdex. Hija qalet illi ż-żewġ attivitajiet kienu ta' suċċess.

d) Is-Sindku qal illi għal darb'oħra qiegħed jispjega dan il-punt wieħed irid jitkellem dwar id-dekasteru tiegħu u fl-ebda punt ieħor fl-agenda. Huwa saħaq illi l-mistoqsijiet għandhom jiġu ndirizzati fil-punt imniżżel fl-aġenda mistoqsijiet lis-Sindku b'forma ta' mistoqsija mhux jintbgħat punt lis-Segretarju ġenerali bħal pereżempju fuq Triq il-Kapuċċini... irridu nibdew nirregolarizzaw kif suppost l-agenda tas-seduti formali tal-kunsill. B'mistoqsijiet reġistrati kif suppost.

## 7.7 Punti Ġenerali

Ma kienx hemm

## 7.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :

1. Is-Sinjura Maria Sultana xtaqet tistaqsi lis-sindku jekk hux possibbli isiru diskussjonijiet ma l-awtoritajiet ikkoncernati rigward traffic management gdid fil-main road li taghti ghall- mina principali tal-Kalkara.
2. Is-Sinjura Maria Sultana saqsiet ukoll jekk hemmx xi komunikazzjoni formali mal-awtoritajiet ikoncernati fuq it-traffic management Triq Santu Rokku (qrib il-ħanut tal-laħam) propost mill-kunsill li gie ukoll approvat u kelli jigi implementat mill-awtorita stess.
3. Is-Sinjura Maria Sultana saqsiet formalment lis-sindku ghandux xi tip ta informazzjoni fuq l-arbli li twehhlu fi Triq Santa Filomena kif ukoll fi Triq is-Sienja wara lienet ukoll kellmitu informalment

*Is-Sindku wiegeb lis-sinjura Sultana li la darba ikollu informazzjoni konkreta fuq dawn il-mistoqsijiet ser ikun qieghed iwegiba formalment f'seduti futuri.*

4 Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk sa issa rċeviex xi tip ta' risposta fuq ir-rampa mitluba mir-residenti tal-Married Quarters għal aktar aċċessibilta'.

*Is-Sindku wieġeb din il-mistoqsija waqt is-seduta formali billi żied jgħid illi hu ma kellu l-ebda tip ta' rispons u li hu nfurmat illi s-Sinjura Speranza Chircop kienet qed tkellem lil xi ħadd dirett hi mill-awtorita' tal-Lands stess.*

5 Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk huwiex possibbli jitweħħlu xi safety measures bħal barrikati jew 'u bars' in-naħa ta' fuq ta' Santu Rokku lejn in-niċċa tal-Madonna wara xi lmenti li hi stess irċeviet minn residenta li toqgħod fl-inħawi.

*Is-Sindku ser ikun qiegħed imur fuq il-post mal-ħaddiema tal-kunsill biex jaraw fuq il-post wieħed x'jista' jagħmel u ser ikun qiegħed iwieġeb għal din il-mistoqsija formalment la darba jkollu xi ħaġa konkreta f'idu.*

6 Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk kienx hemm xi żviluppi fuq is-suġġeriment tagħha għal 'traffic management' aħjar in-naħa ta' Giovanni Raimondo kantuniera ma' Kapuċċini li kienet waslet f'xi seduti preċedenti.

*Is-Sindku wieġeb illi ser ikun qiegħed jerġa' jkellem lill-awtorita' kkonċernata fuq din il-kwistjoni u jwieġeb formalment lis-Sinjura la darba jkollu xi tip ta' risposta formali*

7 Is-Sinjura Chircop xtaqet issaqsi lis-Sindku jekk huwiex possibbli ssir organizazzjoni b'żebgħa mal-art u jsiru parkeġġi konkreti fiż-żona ta' Rinella Housing Estate n-naħa ta' Triq is-Sibi.

*Is-Sindku wieġeb lis-Sinjura Chircop formalment waqt din is-seduta illi dan l-ilment kien diġa' ħadem fuqu hu personali u saħansitra mar fuq il-post. Huwa saħaq illi la darba jsiru parkeġġi minħabba li ż-żona hi kif inhi aktar ir-residenti ser jonqsilom lis-spazju ta' karozzi. Huwa qal ukoll illi anke jekk issir bollard speċifikament fiż-żona lanqas ir-resident stess ta' dawk il-binjiet ma jkunu jistgħu jidħlu u li din hija kwistjoni ta' prudenza ta' persuna u l-ebda linji jew bollard m'hi ħa ssolvi ċertu problemi li hemm.*

8 Is-Sur Bruno xtaq isaqsi lis-Sindku jekk hemmx xi possibilta' ili Triq Rnella tiġi waħda pedonali u ma tibqax tintuża mill-karozzi kif inhi fil-preżent ħlief għal xi eċċezzjonijiet bħal ma hawn ukoll f'lokalitajiet oħra.

*Is-Sindku wieġeb lis-Sur Bruno u qallu la darba tinħadem loġistika fuq din il-kwistjoni u anke jittieħdu pariri kif suppost biex wieħed jagħmel triq kif qed jissuġġerixxi hu ser ikun qed itih risposta formali f'seduti li ġejjin.*

## 7.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 7.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma p minn dawn il-minuti (DOK A). 7.22

**7.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-1:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-18 ta' Awwissu 2022 fil-11:00 ta' filghodu.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv